**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 452/2003**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Generoso Sammut**

Illum, 31 ta' Mejju 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Generoso Sammut, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 203454M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli –

1. Nhar l-24 ta' Frar, 2003, għall-ħabta tal-4.00 ta' filgħodu, fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar, bil-ħsieb illi joqtol jew li jqiegħed il-hajja tas-Surġent tal-Pulizija Jeffrey Gerada f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi spara tir ta' arma tan-nar fid-direzzjoni tiegħu, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi haġa aċċidentali u ndipendenti mill-volontà tiegħu;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tas-Surġent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, liema offiża ġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq, jew f'waħda mill-idejn tal-offiż li ġiet magħmula b'arma regolari u cioè arma tan-nar;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmi Surġent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, u l-Kuntistabbli Kevin Curmi, persuni nkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, filwaqt

illi kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorità' kompetenti;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku, u cioe' lis-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada u l-Kuntistabbli Kevin Curmi, waqt illi kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb illi jbeżżagħhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;
5. U aktar talli f'Buġibba, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-5.00 ta' filgħaxija tat-23 ta' Frar, 2003 u l-4.00 ta' filgħodu tal-24 ta' Frar, 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom dokumenti u flus, minn Granny's Bar and Restaurant, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) bil-mezz, kif ukoll bil-hin, ghad-dannu ta' John Zammit mis-Swieqi;
6. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
7. U aktar talli f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-5.00 ta' filgħaxija tat-23 ta' Frar, 2003 u l-4.00 ta' filgħodu tal-24 ta' Frar, 2003, waqt illi kien fil-Granny's Bar and Restaurant f'Bugibba, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-ħames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma kienet iżjed minn ħamsin lira Maltin (Lm50.00) u li saret għaddetriment ta' John Zammit is-Swieqi;
8. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, ghall-habta tal-4.00am, waqt illi kien fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, ittanta jhajjar ufficjal jew impjegat pubbliku u cioe' lill-Kuntistabbli Kevin Curmi sabiex jonqos illi jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;
9. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, ghall-habta tal-4.00am, waqt illi kien fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, fil-hin illi kien qed jagheml delitt kontra l-persuna, u cioe' tentattiv ta' omicidju tas-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, jew id-delitt ta' serq jew ta' hsara lil proprjeta', kif ukoll fil-hin illi kien qed jigi arrestat ghall-ghemil ta' xi delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
10. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, u fix-xhur ta' qabel din iddata, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn ilpattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

11. U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess żmien u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn waħda mid-dokumenti u cioè liċenzja falsifikata maħruġa fuq il-vettura bin-numru AAE194 f'isem Jonathan Balzan minn Hal Safi;
12. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, f'dawn il-Gżejjer, saq il-vettura tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA551 meta ma kellux liċenzja rinnovata għas-sena kurrenti 2003;
13. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, f'dawn il-Gżejjer, saq ilvettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA551 meta ma kienx kopert b'polza ta' sigurtà' dwar riskji għal terzi persuni;
14. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, għall-ħabta tal-4.00 ta' filgħodu, waqt illi kien il-Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar, ma obdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, u cioè s-Surġent tal-Pulizija Jeffrey Gerada u l-Kuntistabbli Kevin Curmi, jew ma hallihx jew fixklu waqt illi kien għamel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmiru billi ma hallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'Liġi kien ordnat jew seta' jagħmel, billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-Liġi jew b'xi mod ieħor li jkun;
15. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, għall-ħabta tal-4 ta' filgħodu, waqt illi kien il-Qawra fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indeċenti li jikkonsisti f'dagħa;
16. U finalment talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, f'dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu reċidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 talLigijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 96, 95, 261, 263, 267, 270, 278, 279, 120, 49, 50, 338, u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 – illum il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), s-sitta (6), s-seba' (7), l-għaxar (10), il-ħdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13) imputazzjoni u lliberatu minnhom, u sabitu hati tat- tielet (3), tar-raba (4), tal-ħames (5), tat-tmien (8), tad-disa' (9) tal-erbatax (14), tal-ħmistax (15) u tas-sittax (16) imputazzjoni u sussegwentement ikkundannat lil Generoso Sammut għal piena karċerarja ta' tlett (3) snin priġunerija effettivi. Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkundannat lil Generoso Sammut għall-ħlas tal-ispejjez peritali kollha ammontanti għal tliet elef, tmien mija, wieħed u tmenin Ewro u erbgħa u sittin ċentezmu (€3,881.64).

Rat ir-rikors tal-appellant, Generoso Sammut, ippreżentat fit-2 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tiddikjara illi l-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tiegħu huma preskritti u fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravju dwar il-preskrizzjoni, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-18 ta' Jannar 2023 fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabitu mhux ħati tal-ewwel, it-tieni, is-sitt, is-seba', l-għaxar, il-ħdax, it-tnax u t-tlettax l-imputazzjoni u tikkonferma ukoll l-istess sentenza fejn sabitu ħati tar-raba', tal-ħames, tat-tmien, tad-disgħa u tal-ħmistax l-imputazzjoni, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tielet u tal-erbatax l-imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn dawk l-imputazzjonijiet u/jew tvarja s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena nflitta u tagħti piena aktar ġusta u ekwa għall-kaz.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Generoso Sammut.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appell tal-imputat Generoso Sammut huwa ċirkoskritt għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabitu ħati għall-imputazzjonijiet li jġibu n-numri tlieta(3) u erbatax (14). Jilmenta wkoll illi l-piena erogata fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva fejn ma ittieħidx kont tat-trapass twil taż-żmien minn meta huwa kien mixli fil-qorti 'il fuq minn għoxrin sena ilu.

Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar dawn l-aggravji, madankollu, l-Qorti trid neċessarjament tindirizza l-preġudizzjali sollevat mill-appellant illi l-azzjoni penali dwar l-akkużi kollha lilu addebitati hija perenta bid-dekors taż-żmien preskrittiv minn meta kienu kommessi ir-reati ndikati fl-akkuża.

Illi l-appellant kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar it-18 ta' Marzu 2003, mixli bil-kummissjoni ta' sensiela ta' reati li allegatament seħħew ftit tal-jiem qabel, senjatament fit-23 u/jew l-24 ta' Frar 2003. Illi bdiet il-kumpilazzjoni tal-provi u wara diversi rinviji, fil-15 ta' Jannar 2009 l-Avukat Ġenerali bagħat in-nota ta' rinviju għal ġudizzju fit-termini ta'l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali sabiex l-appellant ikun ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Illi wara li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża għalqu il-provi tagħhom, u wara diversi differimenti sabiex isiru is-sottomissjonijiet finali, l-kawża ġiet deċiża permezz ta' sentenza datata 23 ta' Jannar 2014.

L-appellant appella mill-imsemmija sentenza permezz ta' rikors datat it-03 ta' Frar 2014. Illi b'sentenza tal-01 ta' Settembru 2020, din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta annullat s-sentenza appellata u rrinvijat l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawza tiġi trattata u deċiza mill-ġdid skond il-Liġi billi kienet tal-fehma illi kienu neqsin, fl-imsemmija sentenza, dawk il-formalitajiet meħtieġa fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali għal validita' tagħha. Illi fl-ewwel seduta li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar is-26 ta' Frar 2021, kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża eżentaw lill-Qorti tal-Maġistrati milli terġa' tisma' l-provi mill-ġdid u l-kawza tħalliet għat-trattazjoni finali. Finalment, wara diversi talbiet għal differiment fit-18 ta' Jannar 2023, l-kawża ġiet deċiża.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, l-appellant huwa tal-fehma illi ġaldarba is-sentenza oriġinarjament mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati fit-23 ta' Jannar 2014 kienet annullata b'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta b'ordni illi l-każ jinstema' mill-ġdid, dan wassal biex l-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati jkunu milquta bil-preskrizzjoni stante t-trapass konsiderevoli taż-żmien.

Illi s-setgħat tal-Qorti tal-Appell minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jinsabu imfassla fl-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm dispost ir-rimedji li tista' tagħti din il-Qorti jekk jidhirlha li tkun avverat ruħħha xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-imsemmija disposizzjoni tal-liġi,

kif seħħ f'dan il-każ, u fejn allura tkun tal-fehma li għandha tibgħat lura l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Illi d-diċitura adoperata mil-leġislatura, fil-fehma tal-Qorti, hija tali li tindika illi meta l-atti jkunu rinvijati lura lil qorti inferjuri, dan isir sabiex l-istess "tipproċedi skond il-liġi". Minn imkien ma jidher illi dik il-Qorti li lilha l-atti jkunu ġew rinvijati għanda tqis illi l-każ għandu jerġa' jibda mill-ġdid. Illi *del resto* in-nullita' ravviżata fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, finalment lanqas kienet tenħtieġ ir-rimedju mogħti billi kienet tinkwarda ruħha taħt dak dispost fl-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, b'din il-Qorti bis-setgħa li tiddeċiedi hi l-mertu. Dan magħdud, madankollu, huwa indubitat illi meta l-atti tal-kawża ġew rimandati lura lil Qorti tal-Maġistrati, l-appellat, tqiegħed fl-*istatus quo ante* il-mument meta kienet ippronunzjata s-sentenza minn dik il-Qorti, billi ma kien hemm ebda nullita' oħra fil-proċeduri li kienu seħħew. L-akkużi ma kenux moqrija mill-ġdid kif lanqas sar l-eżami mill-ġdid bla ġurament lill-imputat biex b'hekk ma hemmx dubbju illi l-proċeduri ma nbdewx mill-ġdid. Mhux biss, iżda kif jirriżulta mill-verbal tal-Ewwel Qorti, fl-ewwel smigħ wara li l-atti kienu rimandati lura lilha, kemm il-Prosekuzzjoni, kif ukoll id-Difiża eżentaw lil dik il-Qorti milli tisma' l-provi *de novo,* u wara li saret it-trattazzjoni, l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Issa l-Artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:–

> **Iz-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali <u>għandu jkun sospiż</u> mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża.**

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, għalhekk, huwa evidenti li ż-żmien tal-preksrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-reati addebitati lill-appellant kienet sospiża nhar it-18 ta' Marzu 2003, u ċioe' minn dak in-nhar li l-appellant kien mixli fil-qorti bid-diversi reati dedotti fil-konfront tiegħu. Illi ż-żmien tal-preskrizzjoni baqa' hekk sospiż u dan żgur sal-mument li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet annullata minn din il-Qorti u l-atti rimandati lura quddiem il-qorti inferjuri. Fuq kollox il-proċeduri quddiem il-qorti inferjuri ma nbdewx mill-ġdid, bid-Difiża saħansitra teżenta lil Qorti mis-smigħ tal-provi kollha li kienu ġew ikkumpilati sabiex b'hekk huwa evidenti illi ż-żmien preskrittiv qatt ma reġa' beda jiddekorri. Illi anke

jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha taqbel ma' dak sottomess mill-appellant illi meta s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet annullata dan iż-żmien tal-preskrizzjoni ma baqax sospiż, jikkonsegwi illi ż-żmien jibda jerġa' jieħu l-kors tiegħu mill-mument li tispiċċa dik is-sospensjoni, u mhux mill-mument inizjali meta l-appellant tressaq il-qorti għall-ewwel darba. Kwindi dan l-ilment imqanqal mill-appellant ma għandu ebda bażi fil-liġi u għalhekk qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tieni aggravju mressaq mill-appellant huwa marbut mas-sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu għat-tielet imputazzjoni lilu addebitata fejn huwa kien mixli bir-reat imfassal fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Dan għaliex fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti ma setatx issib ħtija fl-istess ħin għal dan ir-reat u għar-reat imfassal fir-raba' imputazzjoni u ċioe' dak ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali għaliex jisħaq illi dawn iz-zewġ reati huma ġuridikament distinti u separati minn xulxin bil-konsegwenti impossibilita' ġuridika li tirrizulta' reita' għat-tnejn minnhom fl-istess ħin. L-appellant jisħaq ukoll li mill-atti kienu jirriżultaw l-elementi tar-reat ravviżat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, u mhux ukoll dawk meħtieġa sabiex jissussisti r-reat taħt l-artikolu 96, u kwindi għandu jiġi lliberat mit-tielet imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

Illi ma hemmx dubbju illi uħud mill-ingredjenti meħtiega sabiex jissussistu ż-żewġ reati huma identiċi bis-suġġett passiv tar-reat fiż-żewġ istanzi ikun l-uffiċjal pubbliku jew il-persuna inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku. Issa l-appellant għandu raġun meta jisħaq illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iż-żewġ reati għalkemm it-tnejn għandhom bħala vittma, kif ingħad, persuna fil-vesti uffiċjali tagħha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta'l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1)filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2)jew inkella minħabba li ikun għamel dan is-servizz pubbliku, (3)jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-artikolu 96, imbagħad għalkemm ukoll għandu bħala vittma l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana ir-reat, u dan kif tajjeb delinejati mil-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza, liema attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb. Fit-tieni lok ir-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta'uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. U fl-aħħarnett huwa necessarju illi l-attakk jew reżistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti.

Illi kif igħallem il-Professur Mamo fin-noti tiegħu dwar id-dritt penali:

> ***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith. .... Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."***

Dan b'distinzjoni mir-reat maħsub fl-artikolu 95 fejn hemmhekk l-att materjal jikkonsisti fl-inġurja, theddid jew offiża li ssir jew waqt li l-uffiċjal ikun qed jeżerċita il-funzjoni tiegħu fejn allura dik it-theddida, inġurja jew offiża ma tkunx neċessarjament marbuta mal-funzjoni tiegħu, jew inkella l-att materjali ikun kommess wara dan il-qadi fejn allura irid ikun hemm in-ness bejn l-att materjali u l-qadi ta' din il-funzjoni. Dan kuntrarjament għall-att ta' insubordinazzjoni jew sfida li jippreżenta ruħu fl-artikolu 96, liema att huwa ta' ostakolu għall-eżekuzzjoni tal-liġi, fejn irid ikun hemm l-attakk jew resistenza bi vjolenza li titkellem dwarha l-liġi, elementi għal kollox nieqsa mir-reat taħt l-artikolu 95.

Illi mill-fattispeċje tal-każ jirriżulta illi l-uffiċjali tal-pulizija PS90 Jeffrey Gerada u l-kuntistabbli 1337 Kevin Curmi fil-jum indikat fl-akkuża kienu ġew imsejħa sabiex jinvestigaw rapport li daħal fil-ħinijiet bekrin ta' fil-għodu waqt li kienu *patrol duty* fejn kienu nfurmati li kienet seħħet serqa ġewwa Buġibba. Meta marru fuq il-post sabiex jinvestigaw ġew diretti jinżlu ħdejn iż-żona magħrufa bħala ta' Fra Ben u meta

wasslu osservaw vettura suspettuża b'raġel baxxut ħdejha qiegħed jarmi xi karti minn ġewwa għal barra tal-istess vettura. Dawn iż-żewġ uffiċjali avviċinawh sabiex jindagaw dwar dak li kien qed jagħmel u sabiex jaraw jekk setax kien involuta fis-serqa rappurtata u avżawh li kienu pulizija. Kif l-appellant induna li s-surġent kien innota xi affarijiet suspettużi fil-vettura, huwa daħal jiġri fil-vettura, f'liema mument Gerada dehrlu li l-appellant kien ser jabqad xi arma, intefa' fuqu fil-vettura sabiex irażżnu u beda jordnalu biex jitlaq l-istess minn idejh u hawn bdiet taqtiegħa fiżika bejnu u bejn l-appellant. L-appellant jirritalja u jirreżisti l-ordni tal-pulizija beix jiddessisti mill-aġir tiegħu u juża xi *spray* f'wicc is-surġent li dak il-ħin ġibed lill-appellant 'il barra mill-vettura. Is-surġent qabad l-arma tan-nar tas-servizz fejn l-appellant beda jissara miegħu biex jeħodlu din l-arma u l-arma tan-nar ħadet u ntlaqat is-surġent f'idejh. Is-surġent sejjaħ għall-assistenza lill-kuntitsabbli Curmi li spara xi tir jew tnejn kontra l-appellant li minn naħa tiegħu baqa' jirresisti l-arrest u baqa' jipprova juża l-i*spray* kontra l-kuntistabbli ukoll. Meta fl-aħħar il-pulizija irnexxielhom irażżnu lill-appellant u tefgħuh mal-art, huwa beda jidgħi, jipprova jixtrihom bil-flus biex jitilquh u wkoll beda jakkuża lis-surġent li kien hu li qatel lil ċertu Amadeo, fejn is-surġent jikkontendi illi ħassu mhedded b'dan il-kliem minħabba dak li kien għadda minnu meta kien involut f'sparatura oħra waqt hold-up ġewwa Bormla.

Illi minn dawn il-fattispeċje huwa indubitat illi l-appellant għamel minn kollox biex jipprova jostakola l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-pulizija. Irresista mhux biss meta l-pulizija avviċinawh biex jagħmlu tfittxija fil-vettura tiegħu, iżda ukoll meta l-pulizija bdew jippruvaw irażżnuh tant illi beda jissielet mas-surġent Gerada u jipprova jeħodlu l-arma tan-nar minn idejh tant li din spiċċat ħadet bil-konsegwenza li s-surġent spiċċa sofra xi ġrieħi. Mhux biss, iżda saħanstra beda jitfa' l-i*spray* f'wiċċ il-pulizija bil-għan li jisfratta l-investigazzjoni tagħhom. Meta finalment irnexxielhom irażżnuh u ipproċedew bl-arrest tiegħu huwa beda juża kliem ta' theddid u inġurji fil-konfront tagħhom fost ħafna kliem ta' dagħa.

Illi, premessi dawn il-gwidi ġurisprudenzjali abbinati mal-fattispeċje ta' dan il-każ, hija l-fehma tal-Qorti illi dan il-każ jinkwadra ruħu aktar taħt ir-reat imfassal fl-

artikolu 96 mill-artikolu 95, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant fl-aggravju minnu ntentat sabiex b'hekk il-Qorti ma tistax tilqa' it-tieni aggravju tiegħu u tasal biex tilliberah mit-tielet imputazzjoni lilu addebitata. Illi stante illi l-appellant ma iressaq ebda aggravju marbut mal-imputazzjoni numru erbgħa (4) li tagħha huwa kien misjub ħati, kwindi l-Qorti hija prekluża milli tindaga jekk din l-imputazzjoni tirriżultax ippruvata ukoll. Għaldaqstant dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tielet aggravju ntentat mill-appellant imbagħad huwa dirett lejn is-sejbien ta' ħtija għall-imputazzjoni ta' natura kontravvenzjonali imfassla fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali fejn tirriżulta l-ħtija meta ikun hemm id-disubbidjenza ta' **"l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, <u>kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra</u>**".

Illi l-appellant jikkontendi illi ġaldarba huwa kien misjub ħati tar-reati imfassla fl-artikolu 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali, kwindi ma setatx tinstab ħtija ukoll għal dan ir-reat kontravvenzjonali stante illi din il-kontravvenzjoni tirriżulta biss f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn l-att materjali tar-reat ma jkunx jinkwadra ruħu taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, kif fil-fatt jirriżulta f'dan il-każ.

Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi l-appellant għandu raġun f'dan l-aggravju minnu ntentat billi din l-imputazzjoni kontravvenzjonali tista' tissussisti biss meta ma jkunx hemm sejbien ta' ħtija għal xi delitt ieħor indikat fil-Kodiċi Kriminali fejn l-att materjali tar-reat ikun jikkonsisti fid-disubbidjenza jew indħil fl-operat tal-persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Illi ġaldarba kif tajjeb jirrileva l-appellant kien hemm il-ħtija għad-delitt imfassal fl-artikolu 96 li b'mod ewlieni jikkontempla l-insubordinazzjoni u d-disubbidjenza lejn l-awtorita' pubblika, kwindi l-appellant ma kellux ukoll jinstab

ħati tar-reat kontravvenzjonali billi hemm l-assorbiment tar-reat minuri f'dak iktar gravi, bl-Ewwel Qorti għalhekk kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni. Dan l-aggravju għalhekk qed jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biex ikun kkunsidrat il-gravam rimanenti li jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' tlett snin priġunerija effettivi. L-appellant jilmenta li tali piena mposta fuqu kienet waħda eċċessiva u li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda piz għall-fatt li l-proċeduri kienu ilhom pendenti għoxrin sena u li matul dan il-perijodu kollu huwa kien ġarr il-piż ta' dan il-fatt u l-konsegwenzi kollha li l-proċeduri kriminali jġibu magħhom.

Illi kif spiss affermat fil-ġurisprudenza, din il-Qorti ta' reviżjoni għandha tvarja dik id-diskrezzjoni eżerċitata mill-qorti tal-ewwel grad fir-rigward tal-piena erogata, biss, jekk jirriżultalha illi din kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1].

Illi huwa minnu illi dawn il-proċeduri penali twalu għal numru ta' snin, bl-imputat fil-maġġior parti dejjem attenda ghas-seduti, u bl-Avukat Ġenerali jibgħat ir-rinviju għal ġudizzju sitt snin wara li nbdew il-proċeduri fil-15 ta' Jannar 2009. Wara dan madanakollu l-appellant kaxkar saqajh sabiex iressaq il-provi tiegħu u ukoll sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet finali bil-kawża tkun deċiża biss fis-sena 2014. Illi minn dak iż-żmien din is-sentenza, kif ingħad, kienet annullata wara li sar appell mill-istess bl-atti jkunu rimandati lura quddiem il-qorti inferjuri għal deċiżjoni mill-ġdid konformi mal-liġi sabiex b'hekk ingħatat s-sentenza appellata f'Jannar ta' din is-sena, minn liema sentenza l-appellant intavola l-appell odjern. Illi minn din l-analiżi ta' dan l-*iter* proċesswali twil ma jistax jingħad illi l-appellant kien jaħti għal dan it-trapass konsiderevoli ta' żmien biex jiġu konklużi l-proċeduri fil-konfront tiegħu, għalkemm f'parti żgħira seta' kkontribwixxa għall-istess. Dan magħdud, madanakollu, ma jfissirx illi l-appellant għandu b'xi mod ikun eżonerat mis-sanzjoni tal-liġi għal vjolazzjonijiet minnu kommessi.

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi l-appellant kien mijsub ħati ta' mhux anqas minn seba' imputazzjonijiet b'waħda minnhom tinkludi l-addebitu tar-reċidiva. Dan ifisser illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin priġunerija hija waħda li tqarreb iktar lejn il-minimu maħsub fil-liġi, bl-appellant ikun misjub ħati tar-reat tas-serq aggravat bil-mezz, valur, u ħin, oltre r-reati maħsuba fl-artikoli 95 u 96, (madanakollu bil-pieni applikabbli fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat), kif ukoll dak tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku, bil-piena trid imbagħad tiżdied minħabba l-addebitu tar-reċidiva, u ma tistax tingħata fil-forma sospiża tagħha. Lanqas ma tista' din il-Qorti tasal biex tirriduċi l-piena minħabba li ser tkun revokata l-ħtija għall-imputazzjoni numru 14, billi din hija ta' natura kontravvenzjonali fejn allura japplikaw id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk u billi ma hemm ebda ċirkostanza 'ġdida' li l-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni oltre dawk li ġew meħuda in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti meta ġiet biex teroga l-piena, tqies illi ma hemm ebda mottiv li tista' ġġiegħlha titbiegħed mill-fehma ta' dik il-Qorti meta din ġiet biex tikkalibra dik il-piena ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha unikament fejn din sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni numru 14, għalhekk tirrevoka s-sejbien tal-ħtija għall-istess, u minflok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bija.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**